# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 217 :: ĠUNJU 2014



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Ġunju, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## IL-LAQGĦA T'APRIL



Minħabba li l-aħħar Ġimgħa t'April kienet l-Anzac Day, din il-laqgħa nżammet il-ġimgħa ta' wara, 2 ta' Mejju. Kienet ġurnata ftit kiesħa u bix-xita u minkejja dan disa' membri attendew, għalkemm kellna lista' mhux ħażin li ċemplu b'apoloġija li ma setgħux jattendu. Sar xi qari minn xi membri preżenti. Dr Victor Sammut qralna erba' poeżiji mill-ktieb ta' Ġorġ Pisani, Il-Waltz tad-Dellijiet: 'Boxing', 'Sigarett', 'Sliema' u 'Mari`'. Victor qralna wkoll 'L-Istaġun tal-Imħabba' tal-mibki u qatt minsi membru tagħna, Frank Sargent. Poeżija oħra ta' Frank Sargent, -'Tgħidli Ngħidlek Tgħidli' reġgħet inqrat minn Victor. Joe Camilleri qralna l-kitba tiegħu 'Iċ-Ċrieket'. Dr Sammut reġa' qralna poeżija oħra, din id-darba tal-poeta membru li ħalliena ftit xhur ilu, Joe Saliba, 'Kompromess'. Ray Anastasi qralna poeżija fuq San Ġorġ Preca, kitba ta' Manwel Cassar. Dr Sammut imbagħad qralna xi silitiet mill-kitbiet ta' San Ġorġ Preca. Wara l-qari, kulħadd ħa kikra te jew kafe` u *lamington*. ***Fir-ritratt, wara, mix-xellug għal-lemin: Ray Anastasi, Dr Victor Sammut, Armando Catania, Joe Camilleri, Paul Vella u Frank Bonett. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin:Salvina Vella, Marie Louise Anastasi u Maria Catania.***



## IL-LAQGĦA TA' MEJJU

Fil-laqgħa ta' Mejju attendew 11-il membru. Il-ħabib membru tagħna, Micael Xuereb, ġieb miegħu ħabib, John Mary Muscat, minn Sannat, Għawdex, u nisperaw li jsir membru magħna. Ħafna mill-membri qraw xogħol tagħhom. Frank Bonett qralna żewġ poeżiji li kiteb hu: "Namrati" u "Il-Ħlewwa tan-Natura". Joe Camilleri qralna proża tiegħu, "It-Tazza tal-*Football* tad-Dinja". Michael Xuereb qralna żewġ poeżiji tiegħu: "Fakkarni" u "Il-Bebbuxu". "Dari" u "Vapuri" kienu żewġ poeżiji ta' Joe Bonett moqrija minnu stess. Il-President, Dr Victor Sammut għamel taħdita fuq kliem Malti. Wara kien hemm kikra te jew kafe` u kejks. ***Fir-ritratt, fuq wara, mix-xellug għal-lemin: John Mary Muscat, Joe Camilleri, Salvina Vella, Marie Louise Anastasi, Ray Anastasi, Tony Spiteri. Fuq quddiem, mix-xellu għal-lemin: Michael Xuereb, Dr Victor Sammut, Paul Vella, Frank Bonett u Joe Bonett.***

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **il-Ħadd, 21 ta' Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Ray Anastasi, 19 Daimler Ave, Keilor Downs, Victoria 3038** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lil Ray Anastasi: **rrmlanastasi@bigpond.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.

# LAQGĦA MA' ADRIAN GRIMA

Jekk kollox imur sew se norganizzaw laqgħa mall-kittieb Malti, Adrian Grima, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, **nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2.30 pm**. Hu mistenni li Adrian jitkellem dwaru u jaqra' xi xogħol tiegħu u jekk il-ħin jippermetti, membri tagħna jkunu jistgħu jaqraw xi xogħol tagħhom jew awturi oħra.

# TAĦDITA FUQ DE SOLDANIS... L-EWWEL TAĦDITA

L-ewwel taħdita minn sensiela ta' ħamsa bħala parti mill-wirja "It-Tnax-il Ruħ tal-Malti" mtellgħa mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjoni Nazzjonali, bi sħab ma' Malta Libraries u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Marret tajjeb ħafna u attendiet ġemgħa sabiħa u fostna kien hemm għadd sabiħ ta' Għawdxin li ġew jisimgħuh jitkellem fuq de Soldanis, il-kompatrijott tagħhom. It-tahdita saret fid-9 ta' Mejju, fejn Olvin Vella tkellem dwar it-togħma Għawdxija fid-dizzjunarju, id-Damma, ta' de Soldanis. Grazzi lil Daniel Cilia tar-ritratt sabiħ tal-udjenza li ħonqot il-Biblijoteka Nazzjonali. Prosit lil Olvin... kienet mill-aktar interessanti.

***Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti, li baghtli dan it-taghrif***

# ...T-TIENI TAĦDITA

It-tieni taħdita fis-sensiela "It-Tnax-il Ruħ tal-Malti" saret nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju, 2014, fil-Librerija Nazzjonali l-Belt fis-6.30pm. It-taħdita offriet punti ta' riflessjoni fuq il-ħajja tal-kopista tal-Kantilena, Brandano Caxaro. Stħarriġ li għamlet ir-riċerkatriċi fuq id-dokumenti tas-seklu sittax, inkluż fuq il-kitbiet li kkonsultaw Wettinger u Fsadni, jagħti ħjilijiet ġodda fuq ħajtu. Dan il-qari attent tad-dokumenti jistedinna nikkunsidraw possibbiltà oħra għala Brandano kkopja l-Kantilena. Interessanti li smajna wkoll interpretazzjoni ftit differenti tad-daħla għall-Kantilena miktuba minn Brandanu fuq Pietru Caxaru. Din it-taħdita, li d-dħul għaliha kien b'xejn u kienet miftuħa għal kulħadd, hija parti mill-wirja "It-Tnax-il Ruħ tal-Malt" li qed tittella' fil-Biblijoteka Nazzjonali mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali bi sħab ma' Malta Libraries u d-Dipartiment tal-Malti tal-Università.

***Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti, li baghtli dan it-taghrif***

# MINN FOMM VASSALLI




Fid-daħla ta' L'Ultimo Periodo della Storia di Malta l-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850) kiteb li ma riedx iħalli tagħrif interessanti li kienu għadhom jiftakruh ix-xjuħ ta' żmienu jintilef. Xi xjuħ kienu xhieda tal-ġrajjiet jew, bħal Vassalli, kellhom sehem ewlieni fihom. Panzavecchia talab lil Vassalli jaqsam miegħu t-tagħrif fuq il-konġura kontra l-Kavallieri u kif ma qatgħuhilux għall-mewt wara l-proċess li għaddewh. Barra minn hekk, ħaddieħor qal lil Panzavecchia x'kien għadda minn għala Vassalli meta xi tliet snin wara, fi żmien l-Imblokk, reġgħu arrestawh."Dan il-ktieb ilaqqagħna ma' Mikiel Anton tad-demm u l-laħam, bil-biża', it-tbatija, il-frustrazzjoni, l-għadab u s-saħħa morali tiegħu." — ***Prof. Manwel Mifsud***

"MINN FOMM VASSALLI" — ktieb ieħor maħruġ fil-250 sena anniversarju mit-twelid ta' Missier l-Ilsien Malti, xogħol ta' David Agius Muscat u Olvin Vella. Pubblikazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

***Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti, li baghtli dan it-taghrif***




State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

***Dan l-aħħar inqħaqdet fil-lista ta' dawk li jirċievu dan il-Folju, il-Poetessa minn Malta, Imelda Seracino Inglott. Imelda tiġi oħt il-membru tagħna f'Melbourne, Fredu Cachia. Irċevejt din il-poeżija biex naqsamha magħkom.***

# LIL MALTA FL-EWROPA

Ilbes il-libsa gdida
Tar- Rebbiegha kollha ward
Mahbuba Ommi Malta.
Iz-zmien ta'meta bkejt
U garrabt il-madmad ghadda.
Issa Sovrana u mharsa sew
Minn hutek akbar minnek;
Li lil hadd ma jhallu jweghggek.
Inti z-zghira imma l-izjed xiha
Fil-wirt u l-gherf ghax bint il-gganti
kif jixghdu t-tempji fejn sawwart suritek
Sabiha bhax-xemx u l-bahar li jzejnuk.
Inti l-izghar imma akbar minnhom
Fl-imhabba lejn il-fqir u x-xhieda tat-twemmin.
Kompli hekk meta tidhol f'dar hutek
Biex b'ghemilek igghalhom iharsu lejk u iberkuk.
B'hekk hadd ma jmejjlek,kif hadd ma kasbrek qabel.
Ibqa l-fessuda tal-Ewropa , Malta Sbejjha
Pont bejn ta'fuq u t'isfel
Gawrha tal-Mediterran
Malta Antika
Malta Kburija
Malta bint ix-Xemx
Blata Maltija.

***— Imelda Seracino Inglott***

## *Ittri li nirċievu . . .*

Għażiż Paul, Prosit tax-xogħol swiewi li qegħdin twettqu b'riżq il-Malti frost ħutna l-emigranti Awstraljani. Komplu sejrin hekk. Sadattant nixtieq ngħarrfek li dan l-aħħar bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' xi anniversarji nazzjonali kont ktibt Oratorju dedikat lill-Madonna peress li dan l-aħħar il-Papa preżenti ħeġġeġ lill-inswara biex jersqu aktar qrib Marija. Tagħtif tiegħu ssibu:
www.facebook.com/tarxienoratorju
Sliem. ***— Alfred Massa***

Għażiż Paul, Kont fi ħsiebi u wasalt biex niktiblek għax bdejt ngħid li ili ma nieħu aħbarek. Nittama li intom tinsabu tajbin. Proset Għall-Folju GLM Mejju, bħas-soltu mimli b'aħbarijiet letterarji li jinteressaw lilna l-Maltin. Kemm hi poeżija ħelwa u reliġjuża dik tas-Sinjura Serracino Inglott! Jekk jogħġbok tagħtini l-indirizz elettroniku tagħha jien niktbilha biex nagħtiha 'tassew proset'. Ftit ilu ltqajt magħha u domna nitkellmu, lanqas biss kont smajt li miet binha. Kellha tagħtini l-indirizz u nsiet. Grazzi ħafna u tislijiet. ***— Lina Brockdorff***

Ghaziz Paul, Wasal ix-xahar ta' Mejju u ma' xahar gdid, nistenna bi hgari l-folju taghkom. Laqqtitni hafna l-poeziji tal-habiba taghna l-poetessa Imelda Seracino Inglott li nixtieq li nsellmilha u nirringrazzjaha talli qasmet dawk il-versi tat-tbatija maghna. Hadt pjacir hafna naqra l-informazzjoni fuq il-kotba li hargu u qalbi tifrah tassew ghaliex il-Ktieb Malti dejjem qieghed jiffjorixxi fil-libreriji taghna u dan huwa sinjal car kemm il-lingwa Maltija hija mahbuba. Inselli wkoll ghall-habib tieghi, il-kittieb Guze' Cutayar, li naf li jsegwi l-folju tieghek u jalla aktar Maltin isiru izjed konxji b'dak li jaghtina identita' nazzjonali.
Grazzi u nsellimlek, ***— Amanda Busuttil***

Ghaziz Paul, Kif jghid il-Malti "Kull laqxa tghin fl-imramma" - voldieri f'dan il-kas, kull kontribuzzjoni ta' fejda sejra tkompli tibni s-sies tal-lingwa Maltija tal-gejjieni kif ukoll l-izvilupp tal-hsieb Malti. Insellimlek bil-kelma l-iktar helwa li ghandna fil-Malti, bhala tislima ewlenija, unika u mehuda mill-gabra l-antika tal-vokabularju taghna l-Maltin, "SAHHA"!
***— Roderick Bovingdon***

***Edizzjoni ġdida***

# IL-KUXJENZA NAZZJONALI MALTIJA

***(Oliver Friggieri. Daqs: 210 x 140 mm, 128 pp bl-istampi)***
***Qoxra ratba: 978-99932-7-489-6***

Dan il-ktieb joffri interpretazzjoni tal-mixja storika u kulturali tal-poplu Malti lejn l-għarfien sħiħ tan-nazzjonalità individwali tiegħu. Huwa verżjoni ħafifa tal-konklużjonijiet li l-Professur Oliver Friggieri wasal għalihom f'xogħlijiet oħra, riżultat tas-snin twal li għadda jistħarreġ l-istorja tas-sens nazzjonali fil-moviment lingwistiku, letterarju u politiku ta' Malta minn żmien Vassalli sad-disgħinijiet. Il-kitbiet differenti f'dan il-ktieb isawru kwadru interessanti dwar poplu, personaġġi u ideali, ilkoll elementi li jiddefinixxu n-nazzjonalità Maltija f'dak kollu li jagħżilha minn dik ta' artijiet oħra waqt li jdaħħalha fil-kultura tal-kontinent. Ilsien, espressjoni letterarja u ħidma politika huma t-tliet aspetti li l-awtur jgħaqqad flimkien biex isib fihom ilmezzi li bihom il-poplu Malti wasal biex jagħraf lilu nnifsu.

***<u>Aħbarijiet minn Patrick Sammut...</u>***

# ORATORJU MINN ALFRED MASSA

Nhar it-30 t'April u nhar it-2 ta' Mejju 2014 sar l-Oratorju Marija fil-Qalb Maltija, miktub mill-kittieb, poeta u President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin, Alfred Massa. Il-mużika kienet tal-Maestro Hermann Farrugia Frantz, u ħadu sehem Miriam Cauchi (sopran), Marvic Monreal (mezzo-sopran), Cliff Zammit (tenur), Alfred Camilleri (baritonu) u Melina Cornish (narratriċi). L-Oratorju ttella' fil-Knisja Parrokkjali Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, u fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl fl-Imdina.

# IRMIED *ta' Alfred Palma*

Pubblikazzjoni Minn Taħt it-Tapit, 2013.
Dan ir-rumanz huwa re-editjar ta' Overdose li ħareġ għall-ewwel darba fl-1995. Anki din id-darba Irmied jikxef lil Alfred Palma bħala awtur ta' narrattiva oriġinali, mhux iktar bħala traduttur (Dante, Shakespeare, Wilde u iktar) jew poeta (Preludji, 1993). Irmied iqiegħed lil Palma fil-qoffa tal-kittieba kontemporanji li jiktbu r-rumanz osé. Kif jikteb fil-Kelmtejn Qabel hu stess: "Kelli storja tajba, umana u fattwali, u ridt noħroġha kif suppost, bla djuq u bla kantunieri." Irmied għandu 113-il paġna u jinqasam f'20 kapitlu. Hawn Palma jorbot flimkien ħsus kuntrastanti bħall-imħabba fuq naħa, u t-tradiment, id-diqa u s-sens tal-ħtija fuq l-oħra. Anki hawn l-awtur jikxef l-aktar irkejjen moħbija fil-bniedem tant li nifhmu li fl-aħħar mill-aħħar dan huwa ħlejqa kumplessa immens. Nagħlaq bi kliem Palma stess fil-Kelmtejn Qabel: "qtajtha li wasal iż-żmien għat-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz [...] b'isem ġdid, aktar imlaħħam u aktar 'jaħraq'...".

# LEJLA TA' POEŻIJA FIL-FURJANA

Nhar l-4 ta' April l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija fis-Sala tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-Furjana. Dan f'rabta max-Xahar tal-Poeżija li ġie ċċelebrat f'bosta pajjiżi matul ix-xahar t'April.

# LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Nhar il-5 ta' April, bejn l-10.00 u 12.00, fis-Sala Castille, Grand Hotel Excelsior, fil-Furjana, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sejjaħ il-pubblikaturi, il-kittieba, il-professjonisti u l-entitajiet privati kollha fis-settur tal-kotba sabiex jattendu għal laqgħa ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill laqa' proposti fuq l-Iżvilupp ta' leġislazzjoni fuq il-ktieb u fuq inċentivi fiskali u finanzjarji għas-settur tal-kotba.